KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 52** **Tlieta 4 ta' Ottubru 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Francis Deguara - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsilliera
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Keith Cassar- Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Mikhail Micallef - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI:**

**RIZENJA:**
Shirley Abela - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Cassar, Gatt, Bonnici, Micallef u Borg. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Cassar, Gatt, Bonnici, Micallef u Borg.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-imejl mil-Kunsilliera S. Abela, fejn infurmat lil-membri preżenti bir-riżenja tagħha b'mod effettiv.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 50 u nru 51**

**Minuti Numru 51** ma kienx hemm peress li laqgħa ġiet posposta bħala rispett lejn l'eks Kunsillier Joseph Howard li ħalla din id-dinja fis-27 ta' Settembru 2022, propju fl-istess jum li l-laqgħa numru 51 kienet skedata.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**

Is-Sindku nforma li ma kienx hemm *updates* dwar l-esproprjazzjoni mil-Lands Authority, u l-applikazzjoni għada qed tiġi verifikata.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad hemm xi dokumenti li jridu jiġu mimlija b'figuri, dikjarazzjoni mil-accountant eċċ, kif wkoll għad jrid jiġi mħejji rapport ta' tlett snin.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dwar il-PAMA qed nistennew l-ewwel seduta, u rigward Tal-Ġeneral qed nistennew data mil-avukat biex niltaqgħu biex possibbilment naslu fi ftehim barra mill-qorti.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni - Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li *traffic management* sar kif kien propost. Huwa nforma li Infrastructure Malta infurmaw lis-sindku li qed jiġi studjat biex minflok isir *storm water culvert* min fejn il-benniena tal-LIDL fejn saret ir-*roundabout* sal-pont jsir *reservoir* taħt il-parkeġġ tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u l-ilma jinġabar u jkun jista' jintuża għat-tisqija. IM qed jaraw il-*costings* ta dan il-proġett. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera jekk jaqblux ħalli jkun jista' jinforma lill-IM bid-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu unanimament. Is-Sindku qal li IM talbuh pjanta tax-xelter nukleari li hemm taħt il-ġnien biex jaraw sa fejn jestendi u kif jista' jaffettwa dan il-proġett ta' din il-ġiebja proposta minħabba skavar ta' blat. Is-Sindku nforma li jista' jkun li l-Perit tal-Kunsill għandu kopja għax fiż-żmien l-eks Sindku t-tabib Chetcuti Caruana l-Kunsill kien applika mall-Awtorita tal-Ippjanar biex issir attrazzjoni turistika.

**REF: 46.4.13 Kommunikazzjoni – Ħasil tal-Pjazza**

Is-Segretarju Eźekuttiv ħa tiċċekkja jekk intbatx ir-rapport.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**

Is-Sindku nforma li għandu laqgħa mal-kuntrattur nhar il-Ħamis li ġej 6 t'Ottubru, biex jkunu konklużi r-rati u jipprovdi *programme of works* ta' kif ser jibda x-xogħolijiet.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**

Is-Sindku nforma li dawn il-ġonna kważi lesti u qed jkun pjanat biex jsir l-*opening.* Hemm *snag list* fejn tkellem mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur għax hemm ir-*rubber flooring* li ma għoġbux il-*finishing* tiegħu għax hemm xi qsim fir-*rubber flooring* u talab biex jkunu rranġati. Il-kuntrattur tal-*landscaping* tal-Kunsill qed jagħlaq l-aħħar xogħlijiet qabel il-ftuħ.

Is-Sindku nforma li ltaqa fiż-żewġ ġonna mas-Segretarju Eżekuttiv u l-kuntrattur tal-ġonna, biex ġie deċiż x'*landscaping* jista' jiżdied u jitbiddlu l-bankijiet għax dawk li hemm ma jitranġawx. Ħa jsir wkoll *fencing* baxx biex it-tfal ma jafġux fil-ħamrija.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala monumenti għall-inawgurazzjoni taż-żewġ ġonna s'issa rċevejna kwotazzjoni ta' €8,496 inkluż VAT għal-żewġ blatiet tal-qawwi ta' Malta , b'daqs

ta ' madwar 4 piedi għoljin. Din il-kwotazzjoni ma tinkludix il-krejn. Il-Kunsillier Camilleri nforma li huma għaljin, u għalhekk ikun aħjar li nistennew żewġ kwotazzjonijiet oħra u naraw jkollniex prezzijiet aħjar. L-istima trid tinkludi wkoll il-ġarr u t-twaħħil fil-post tal-monumenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kien hemm irħama żgħira inti u dieħel ġnien George Grognet de Vasse li nqasmet u l-kwotazzjoni li rċevejna hija ta' €1,615 inkluż VAT.
Il-membri preżenti talbu biex jinġabu aktar kwotazzjonijiet, għax anke din l-irħama żgħira hija għalja.

**REF: 48.3.2 Kommunikazzjoni: Ġnien Victor Calvagna**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għadna ma rċevejniex stima mingħand Ambjent Malta ta' kemm jiswa ġnien Victor Calvagna biex il-Kunsill jkun jista' jikkometti ruħu għal manutenzjoni u żamma tal-ġnien. Is-Sindku nforma li l-kwotazzjoni oriġinali ta' €80,000 hija li Ambjent Malta ġabu mingħand kuntrattur Taljan li ħadem fl-istess ġnien li anke l-istess Ambjent Malta rawha għalja ferm.

**REF: 48.3.8 Kommunikazzjoni: Coring Works fi triq il-Bażilika**
Is-Sindku nforma li l-*coring* sar u bagħat il kont lis-Sur James biex jiġi jħallas €141.60 bil-VAT. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekkja jekk is-Sur James ġiex jħallas.

**REF: 48.3.11 Kommunikazzjoni: CCTV's Pjazza u Pjazza 16 ta' Settembru**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li dar uħud miċ-ċitazzjonijiet li nħarġu fejn jidhirlu il-ħin mogħti bħala *grace* huwa ftit. Il-Kunsillier Camilleri żied jgħid li kellna nies qed jgħinu fil-festa Qargħasel u qalgħu ċitazzjoni.

Il-Kunsillier Zerafa żied jgħid li fejn hemm *loading/unloading bays*, tad-*delivery* qed jaqilgħu ċitazzjoni għax jiġu b'karozza flok b'vann, għax it-tabelli juru vann. Is-Sindku nforma li hemm żewġ tipi ta' *loading/unloading bays,* u dawk li għandhom trakk huma il-vetturi kbar fejn ma tistax tieqaf vettura (karozza) tħott, imbagħad hemm dawk li vettura żgħira tista' tieqaf u tħott. Is-Sindku nforma li dawn it-tipi ta *loading/unloading bays* joħorġu min Transport Malta (TM). Għalhekk issuġġerixxa lil-Kunsillier Zerafa biex jibgħat lil *Traffic Management Committee immexxi* mis-sindku biex dak li qed jitlob il-kunsillier Zerafa jiġi diskuss u wara jekk ikun hemm xi tibdil propost, dawn il-proposti jittellgħu f'laqgħa tal-kunsill għad-diskussjoni u jekk naqblu napplikaw ma TM għal dak it-tibdil kollu neċessarju.

Il-Kunsillier Zerafa talab li hemm bżonn jiżdied il-ħin u s-Sindku nforma li rigward *grace period* din hija xi ħaġa li tiddeċiedi il-LESA. Fil fatt fuq *double yellow line* wieħed ma jistax jieqaf u xorta taw *grace period* il-LESA. Il-*grace period* ma huwiex xi ħaġa li l-kunsill jiddeċiedi u qas suppost aħna ma nistgħu ninfurmaw li hemm *grace period* għax dan kulħadd jaf li fuq *double yellow line* u fuq *bus stop* ma tistax tieqaf. Wisq anqas fuq *loading/unloading bay.*

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni: Survey tal-Pjazza/Constitution/Main Str**
Is-Sindku nforma li x-xogħol ta' *survey* beda biex wara li jkun lest it-*Traffic Management Committee* jibda jiddiskuti l-proposti tat-*timed parking* ħalli wara dawn il-proposti jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**REF: 49.3.2 Kommunikazzjoni: Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 Finanzjament Milied 2022**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li llum wara l-laqgħa ser jintbagħtu il-minuti ffirmati. Dawn jiġu mitluba biex jiddaħħlu ma l-applikazzjoni meta jkun hemm skema ta' fondi.

**REF: 49.3.6 Kommunikazzjoni: Award Letter M4.3**
B'referenza għal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għal xogħolijiet fuq toroq rurali - Miżura 4.3 (Toroq Rurali) EAFRD, fejn applikajna biex issir wied il-Qlejja, is-Sindku nforma li talab lil-Perit tal-Kunsill biex jibgħat verżjoni tas-*survey* f'ACAD u biex jiltaqgħu ħa jiddiskutu l-proposta mbagħad tiġi 'ikkorreġuta l-BOQ skond il-proposta.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut tan-*notice period.*

**REF: 49.03.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ fil-Housing Estate**
Is-Sindku nforma li qed jistenna kwotazzjoni mil-kuntrattur dwar bosta llegalitajiet ġewwa l-housing estate, bħal dgħajjes fil-parapetti, laned taż-żjut. Is-Sindku talab lil-Kunsillier Farrugia biex jiltaqgħu fuq il-post flimkien mall-kuntrattur tal-knis. Is-Sindku nforma li saru wkoll xi *fences* illegali li dawn jridu jinqalgħu, għax residenti ma jistgħux jikkaparraw art pubblika.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' Junctions Vjal Indipendenza/Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma li dawk il-*junctions* proposti mill-Kunsill, iddisinjati minn IM f'isem il-Kunsill u approvati unanimament waqt laqgħa tal-kunsill mill-kunsilliera ġew imressqa minn IM waqt il-kumitat ta' *Traffic Management Committee* ta' TM nhar is-6 ta' Settembru 2022. TM approvaw dawn il-*junctions* però talbu *Road Safety Audit* li jrid isir minn IM u jkun preżentat lil TM.

Dan il-proġett ta' 4 *junctions* proposti jiġifieri tnejn fi Vjal l-Indipendenza li diġà ġew approvati mill-Kunsill, *junction* tal-pjazza u *junction* ta' ħdejn Subaru huma kollha neċessarji biex naslu għal *Traffic Management* permanenti biex id-dħul ta' traffiku lejn il-pjazza jibqa' jidħol minn Kungress Ewkaristiku.

Dawn mhux ser jsiru f'daqqa pero IM ser jagħmlu immedjatament il-*junction* ta' triq il-Kbira kantuniera ma Vjal Indipendenza. Rigward il-proġett tal-*junction* San Silvestru ma hemmx ħsieb meta ser isir. IM infurmaw lis-sindku li l-istima tal-proġett tal-junction ta' San Silvestru u r-roundabout ta' quddiem Triq Miruzzi hija ta' madwar 1.1 miljun Ewro inkluż dawk is-servizzi kollha neċessarji li hemm bżonn isiru.

Rigward liż-żbokk ta' fejn Cauchi, IM qalgħu il-pjanċa u taw il-konkos u għamlu żbokk temporanju, però l-Kunsill nforma lil-IM li xorta inkwetati li tista' ssir il-ħsara lir-residenti u ħwienet, u għalhekk IM ġew nfurmati bl-urġenza biex dan ir-rimedju temporanju jissolva malajr, u biex it-tielet fażi tal-proġett tinbeda malajr kemm jista' jkun.

Is-Sindku nforma wkoll li għandhom jiltaqgħu bħala *traffic management* ta' kif ser jsir ix-xogħol waqt dan il-perjodu u kif ser jgħaddi t-traffiku biex wara huma jkun jista' jiddiskuti u jipproponi lil IM.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Dwar il *bring-in-sites* is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu laqgħa ma l-ERA nhar it-Tnejn 10 t'Ottubru.

**REF: 50.3.4 Kommunikazzjoni: Ċirkulari NRU SPI/SCI/9/2022 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevietx *feedback* mil-Kunsilliera b'ideat ta' x'jista' jsir, u għalhekk qed issa mhux ser intlaħqu napplikaw, apparti li hemm bosta skemi miftuħin, li aħjar nikkonċentraw fuqhom.

**REF: 50.3.7 Major Patching**

Is-Sindku nforma li l-*major patching* ta' triq il-Bażilika k/m triq il-Ħtajriet ħa jsir min Infrastructure Malta (IM), li għandu jsir wara nofs Ottubru.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**

Is-Sindku nforma li b'għat tfakkira lill MTA dwar it-talba biex jkunu kunsidrati toroq Mostin fil-lista tas-*summer breaks,* u ġie nfurmat li għadu qed jsir l-assessjar tal-talba.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa u dar id-*draft agreement* li kienu bagħtu l-RS2, fejn kien hemm xi punti li s-Sindku ma qabilx magħhom. L-RS2 għandhom €120,000 fi *planning gain* li jista' jintefaq ma kull Kunsill Lokali f'Malta jew Għawdex, imma peress li l-RS2 qegħdin ġewwa l-Mosta, jixtiequ li jużaw dan il-fond fil-lokalità. Is-Sindku informa li huwa waqt il-laqgħa li kellu insista mal-*management* ta' RS2 li dawn il-flus jintefqu kollha mall-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Is-Sindku nforma li talab li flok jkun hemm korsijiet, issir *mobile app* li tkun *user friendly* mar-residenti, fejn jistgħu jibgħatu l-menti, rapport ta' bozza maqtugħa, skart, *bulky refuse* suġġerimenti eċċ, informazzjoni ta' toroq magħluqa, *charging pillars*, postijiet fejn issib skips, eċċ.. L-RS2 għoġbithom ħafna l-idea li ssir din il-*mobile app* u flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħa ssir laqgħa ta' diskussjoni biex din l-*app* tkun tista' ssir, fejn parti mis-somma ħa tkun użata għal-*maintenance agreement.* Bħala terminu sar qbil li l-*app* tkun lesta sa l-aħħar ta' 2023 però il-Kunsill irid jiffirma dan il-kuntratt u jagħti l-*feedback* tiegħu dwar kif jixtieq l-app sal-aħħar tas-sena 2022.

**REF: 50.4.1 Sleeping Police u Zebra Crossing**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet ittra lir-residenti ta' triq il-Mitħna, biex naraw hemmx oġġezzjonijiet biex jsiru *sleeping police* mall-*bus stop* fi triq il-Mitħna u *zebra crossing* aktar l-isfel lejn vjal Indipendenza, għax hemm *blind corner.*

**REF: 50.4.2 Parking Blocks fi Triq it-Torri**

Rigward l-ilment min-residenti ta' triq it-Torri, li nformaw li qed jidħlilhom l-ilma tax-xita fir-residenzi minħabba l-*parking blocks* li saru, u mhux qed jmur l-ilma lejn lis-sprall, is-Sindku nforma biex navżaw lil-*handyman* tal-Kunsill biex jsiru *parking blocks* miż-żgħar, u t-twal li hemm jitwaħħlu x'imkien ieħor fejn hemm bżonn.

**REF: 50.4.3 Ġbir ta' Skart**

Is-Sindku qara r-risposta ta' l-email li bagħat il-kuntrattur Northern Cleaning. Saret diskussjoni dwar rimi ta' skart illegali u rimi ta' skart wara l-ħin ta' ġbir. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li l-ġbir ta' skart huwa għal-residenti biss, ħwienet, uffiċini, ristoranti eċċ jrid jkollhom l-kuntrattur ta' ġbir ta' skart tagħhom.

Rigward ġbir tal-ħġieġ il-Wasterserv kienet ħarġet linja gwida biex ma jibqax jinġabar il-ħġieġ f'kaxxi tal-kartun, imma jintużaw il-konteNituri tal-plastik li l-Wasteserv kienet qasmet b'xejn

ma Malta u Għawdex. Saret diskussjoni dwar dawn il-kontenituri fejn il-kuntrattur ma jpoġġix lura il-kontenitur quddiem ir-residenzi rispettivi, imma jintefgħu f'xi kantuniera.

Is-Sindku nforma li jekk il-kuntrattur qed jgħid li bosta Kunsilli waqfu l-prattika tal-kaxex biex ir-residenti jużaw il-kontenitur tal-plastik provdut mil-Wasteserv, mela jrid jkun hemm kollaborazzjoni mil-kuntrattur li l-kontenitur jridu jitpoġġew lura quddiem ir-residenzi.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tikteb lura lil-kuntrattur.

Is-Sindku nforma li t-tender reġjonali li ħareġ fuq ġbir ta' skart suppost għandu fis-seħħ b'kuntrattur ġdid f'Jannar 2023.

**REF: 50.4.6 Active Ageing & Community Care: MOU Dementia Group**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tmexxi bl-iffirmar ta' dan l-MoU wara li bħala *feedback* kien il-Kunsillier Deguara biss li kien irrisponda. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li dan l-MoU huwa biex jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-AACC għall-aktar għarfien dwar id-dementia.

**REF: 50.4.7 Ħarġa Kulturali organiżżata mill-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li kelli ssir fit-22 ta' Settembru ġewwa Tignè, tħassret minħabba l-maltemp.

**REF: 50.4.8 MOU Outdoor Gym**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejniex *draft* tal-MoU biex jkun iffirmat, u għalhekk ħadet nota biex tibgħat tfakkira.

**REF: 50.5.3 Update- Ingaġġ ta' Assistent Skrivan/a Skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħareġ avviż pubbliku fil-gazzetti lokali. L-avviż biex jintbagħtu applikazzjonijiet tagħlaq fit-13 t'Ottubru 2022.

**REF: 50.5.5 Update Ingaġġ ta' Office Assistant Helper (CIES)**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saru ħdax il-*interview* u ntgħażel is-Sur Alvin Azzopardi.

**REF: 50.5.6 – Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li nforma lil-Arċipriet u l-Giovann li l-membri tal-Kunsill qablu li tinħareġ id-differenza ta' mhux aktar min €100,000 tal-*phase 3 lighting* ta' wara l-knisja biex jkompli jikkumplimenta ma *phase 1* u *phase* 2.

Is-Sindku fakkar li l-proġett kien jammonta għal €185,000, u l-arċipriet nformaħ li għalkemm il-fondazzjoni ħa tieħu xi VAT lura, ma jieħdux l-ammont kollu, allura għadhom qed jistennew kemm ser tkun ir-rifużjoni tal-VAT.

**REF: 50.5.7 – Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li bħala spejjez għal-avvenimenti Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent in-nefqa kienet ta' €6,292.28 inkluż VAT.

Saret diskussjoni dwar jekk dan l-avveniment għandux jsir fil-Pjazza kif kien jsir fil-passat, u l-Kunsillier Camilleri nforma jkun hemm ħafna tgergir mir-residenti miet tingħalaq il-pjazza, apparti li logistikament huwa ħafna aktar faċli li ssir l-Oratorju anke minħabba r-riskju li

tagħmel ix-xita, u problemi oħra loġistiċi anke biex jinġieb il-permess min Transport Malta (TM).

Saret sospensjoni ta' l-aġenda biex il-Kunsillier Camilleri jkompli jagħti rendikont dwar festa Qargħasel, *item* 52.5.2 Festa Qargħasel.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 50.

**52.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**52.3.1 Proġetti fil-Kommunitajiet LESA**

Is-Segretarju Eżekuttiv t'għat informazzjoni dwar l-iskema u nfurmat lil-membri preżenti li l-informazzjoni ntbagħtet wkoll b'imejl lil Kunsilliera nhar il-15 ta' Settembru.

Għall-iskema Proġetti fil-Komunitajiet 2021-2023, l-Aġenzija LESA ikkommettiet tlett miljun ewro fi tlett snin, sabiex jitwettqu diversi proġetti fil-lokalitajiet.

L-Aġenzija qed tiftaħ it-tielet sejħa għal din l-iskema, dik għall-proġetti li se jsiru fl-2022, u li għaliha huma eliġibbli dawk il-Kunsilli li ma ġewx magħżula fl-ewwel u t-tieni sejħa.

L-Applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-uffiċini tal-Aġenzija LESA, sal-Ġimgħa 4 ta' Novembru, 2021. L-iskema toffri 80% ta' l-ispejjeż sa massimu ta' €80,000.

Is-Sindku nforma li dawn il-proġetti jistgħu jkunu innovattivi jew inkella biex itejbu facilità eżistenti. Kull proġett imressaq irid ikun sostenibbli mill-istess Kunsill Lokali / Kumitat Reġjonali, ikollu riżultat tanġibbli, u li jħalli effett pożittiv fuq iċ-ċittadin.

Il-Kategoriji huma dawn:

- **Ambjent Aħjar fil-Lokalitajiet**
- **Trasport Alternattiv u Iktar Nadif**
- **Infrastruttura Moderna**
- **Lokalitajiet Aktar Siguri**
- **Wirt Lokali**

Saret diskussjoni u l-Kunsillier Camilleri issuġġerixxa li tkun mnaddfa u rranġata ir-*roundabout* ta' Ċikku Fenech, li parti minnha hija privata. Is-Sindku nforma li ma jaħsibx li din l-iskema tgħodd għar-*roundabout* ta' Ċikku Fenech peress li parti minnha hija privata, għax il-linji gwidi jispeċifikaw monumenti, binjiet storiċi u strutturi oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti biex jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom malajr kemm jista' jkun u biex ma jħallux għal-aħħar għax ma jkollniex ċans biex napplikaw.

**52.3.2 Ċirk AKL 2022/87 – Proġett 30 Anniversarju Gvern Lokali**

Is-Segretarju Eżekuttiv t'għat informazzjoni dwar l-proġett u nfurmat lil-membri preżenti li l-informazzjoni ntbagħtet wkoll b'imejl lil Kunsilliera nhar il-15 ta' Settembru.

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed taħdem fuq proġett sabiex jiġi mfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa Pajjiżna. Proġett li jkun tal-Kunsilliera u Kunsilli Lokali, li se jkunu qed jagħtuh bixra Nazzjonali u Internazzjonali.

Id-dettalji ser ikunu qed jitħabbru aktar 'il quddiem, u qed jitolbu lil kull lokalità sabiex tindika liema hi dik ix-xi ħaġa li hija sinonima jew tirrappreżenta l-lokal tagħha. Bħala eżempji, Ħal Qormi jista' jkun il-furnar, Mellieħa s-Santwarju, il-Mosta l-koppla, Qrendi kappelli żgħar jew Wied iż-Żurrieq, Marsaxlokk il-luzzu, eċċ.

It-temi jistgħu ikunu personaġġi, monumenti, attività sportiva sinonima mal-belt jew raħal, tradizzjoni ta' ikel jew inbejjed, frotta jew ħaxixa u oħrajn.

Bħala Kunsill irridu nibgħatu t-tema li nixtiequ li tirrappreżenta l-Mosta sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 24 t' Ottubru.

Il-Kunsilliera Camilleri nforma li l-knisja tal-Mosta kulħadd jaf biha għax kienet din il-knisja li poġġietna fuq il-mappa ta' Malta, u għalhekk issuġġerixxa Wied il-Għasel bħala tema li nistgħu norbtu l-għasel miegħu.

**52.3.3 Cirk AKL 2022/90 – Infrastructure Malta Plan for Interventions on Rural Roads**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Infrastructure Malta bagħtu jinfurmaw li hemm proġett biex jintervjeni fuq toroq rurali. Rċevejna l-informazzjoni fis-16 ta' Settembru, u ntbagħtet lil Kunsilliera fis-19 biex jagħtu l-*feedback* tagħhom, però sal-lum ħadd mil-Kunsilliera ma bagħat l-kummenti tiegħu/tagħha.

Is-Sindku qara l-imejl lis-Sur Mario Fava:

> *"Infrastructure Malta is working to finalize a plan for interventions on rural roads in the months ahead.*
>
> *The main objective is to provide infrastructure needed for the development of agriculture, which will be of benefit to a wider range of rural and agricultural stakeholders. It also provides improvement in accessibility to these holdings through the upgrading of farm access roads that will improve farm management and increase farm efficiency. The purpose of this plan is strictly for the* ***construction or improvement of farm access roads.***
>
> *The main beneficiary for this project must be the Agricultural sector and therefore roads which* ***do not service utilised agricultural land will not be considered****. Rural roads which are more beneficial to the non-agricultural sector will also not be considered. Proposed roads must have an existing deteriorated surface either in asphalt or concrete and any requests for road widening will not be considered.*
>
> *Therefore, we would like to invite all local councils to come forward by recommending any rural roads in their locality which fall under the above parameters, and which are in urgent need of resurfacing. Any recommendations must be supported by a PA/google map site plan, clearly indicating the site extents and photos showing the current status of the road surfacing. Feedback must reach this office by Friday 30th September 2022, COB please*
>
> *In view of the above we kindly ask you to notify all Local Councils in Malta. Should you have any queries please let us know."*

Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti lmentaw li mpossibbli li tittieħed deċiżjoni meta dawn it-tip ta’ imejls nkluż fejn jidħlu skemi jibgħatuwhom f’qasir żmien biex nirrispondu malajr, fejn l-anqas biss nistgħu ntellawhom laqgħa biex jiġu diskussi.

Fit 8:20 saret sospensjoni ta l-aġenda biex jingħaddu *item* 52.5 Rapporti.

**52.3.4 Regjun Tramuntana Libraries Assistance Scheme 2022-3**
Is-Sindku nforma li wara l-laqgħa tar-Reġjun Numru 12, li saret fil-15 ta’ Settembru 2022, il-membri tar-Reġjun qablu li jżidu l-fond tal-Librerija għal 25K Euro. Fil-bidu, ir-Reġjun kien qabel li jalloka somma ta’ 10,000 Ewro lil-libreriji tagħna. Fi ħdan ir-reġjun tagħna, għandna 7 libreriji li jiffurmaw parti mis-sistema nazzjonali tal-libreriji, dawn huma: Ħ’Attard, il-Mellieħa, l-Imġarr, l-Imtarfa, San Gwann, San Pawl il-Baħar, il-Mosta. Barra minn hekk, in-Naxxar u Ħal Balzan għandhom librerija b’bażata fil-kunsill miftuħa għall-pubbliku.

Kull Librerija għandu jkollha allokazzjoni ta' 2500 ewro, filwaqt li Librerija ta' San Ġwann għandu jkollha allokazzjoni ta' 5000 ewro. Il-Kunsill Lokali San Ġwann ippropona titjib tal-Librerija biex il-bitħa ta’ barra tal-librerija tiġi trasformata f’żona ta’ qari fuq barra.

Din l-iskema ta’ finanzjament għandha tintuża biex jinxtraw kotba ġodda, u/jew biex jinxtara tagħmir ġdid bħal xkaffar, kompjuters, awdjo/viżiv, għamara għall-uffiċċju, jew simili. Ir-Reġjun iħeġġeġ lill-libreriji biex jallokaw xi fondi għax-xiri tal-Braille u kotba awdjo. Bħala Kunsill aħna ppreżentajna kotba għal-libreriji li huma parti mir-reġjun tagħna.

**52.3.5 Ġnien Victor Calvagna**
Is-Sindku nforma li qed jkun hemm ħafna lmenti, fosthom daq ta’ strumenti min bil-lejl sa kmieni fil-għodu, u għamel talba lis-Sur Olaf McKay u lil-Ministeru biex il-ġnien jibqa’ miftuħ u mhux jingħalaq filgħaxija, imma bħala soluzzjoni għandu jkun hemm Security matul ċertu ħinijiet ta’ bil-lejl. Ilment ieħor huwa dwar riħa qawwija ta’ tiġieġ. Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-persuna li qed trabbi it-tiġieġ jekk jsibulu post alternattiv, kien dejjem lest li jitlaq.

**52.3.6 Armar tal-Milied.**
Is-Sindku nforma li mir-reġjun din is-sena ivvotaw €4,000 għal kul Kunsill. Qabel il-fond kien jinqasam biex jintużaw għal-tiżjin u nar, però min din is-sena r-reġjun qed jħalli l-Kunsilli fil-libertà biex jużaw dan il-fond kif jixtiequ huma. Il-membri preżenti approvaw is-somma ta’ €8,000 eskluż VAT għat-tiżjin tal-Milied, kif wkoll biex bħal snin ta’ qabel, nitolbu għajnuna lil *businesses* biex jgħinu. Is-Sindku rrimarka li hu jrid ikun involut meta ssir il-laqgħa mall-kuntrattur tal-armar tal-Milied, kif ukoll irrimarka li peress li r-Reġjun Tramuntana ser jagħti lill-Kunsill is-somma ta’ €4,000, huwa jixtieq iżid toroq ġodda oħra fejn isir tiżjin tal-Milied.

**52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Sindku nforma li hemm bżonn jkunu deċiżi s-siti fejn jistgħu jkunu nstallati l-kameras biex napplikaw. Is-Sindku nforma li dawn il-kameras huma fuq rimi ‘illegali. Il-membri preżenti qablu fuq dawn is-siti; **LIDL, ġibjun ta’ Mlit u fil-parkeġġ ta’ ġnien l-Għarusa tal-Mosta.** L-ERA għandhom jiġu nfurmati.

**52.3.8 Skema Reġjun CCTV Kameras**
Is-Sindku nforma li ħa jkun hemm fondi mir-reġjun fejn kull Kunsill jista’ jkollu erba’ kameras. Il-membri preżenti qablu fuq dawn is-siti**: Pjazza Mattew Callus, Triq il-Fortizza, Triq Nicolo**

**Isouard (qabel taqbad Triq it-Tama), u pjazza Rotunda (naħa tal-Mumenti).** Jekk ikun hemm il-ħames kamera din teħel Triq il-Kbira fejn tal-pastizzi.

**52.3.9 Street Luminaires**
Is-Sindku talab approvazzjoni biex mall-lista tiżdied bozza ġdida fi triq il-Bajtar. Il-membri preżenti approvaw.

Fid 20:50 il-membri preżenti qablu biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied sa 21:30

**52.3.10 Ħlasijiet Tables & Chairs - Festa**
Is-Sindku talab biex ma jinħariġx rifużjoni tal-ħlas, jekk applikant wara li jkun ħallas għal-permess tat-*tables and chairs,* jiddeċiedi li ma jarmax. Il-membri preżenti approvaw.

**52.3.11 Contract of Service Maid u Handyman Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jkun hemm problemi bil-*helper* li tgħin fit-tindif ta' l-uffiċini, għax il-kuntrattur ta' spiss ma jibgħatx l-istess persuna, u mhux qed jsir sew it-tindif, u kull darba irridu noqgħodu nispjegaw, u għalhekk talbet approvazzjoni biex il-*helper*, jkollha *contract of service.*

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet wkoll approvazzjoni biex noħorġu *contract of service* lil-*handyman* mid-District Operations, fejn wara ħafna snin għal-ewwel darba għanda *handyman* s-Sur John Paul Agius, li kapaċi jaħdem u jaħdem sew bla problemi, kif wkoll lil-*handyman* kurrenti s-Sur Philip Azzopardi fejn sa l-anqas dettal għandu esperjenza vasta u wiesgħa ta' xogħolijiet li saru u qed jsiru fil-lokalità.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex jkunu ċċekkjati r-rati ta' ħlas għal-*helper,* kif wkoll lis-Sur Agius u s-Sur Azzopardi. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex taħdem fuqhom.

**52.3.12 MoU dwar Żamma ta' Ħaxix Selvaġġ fil-Passaġġi Rurali**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fis 26 ta' Settembru ntbagħtet imejl lil-membri preżenti dwar l-MoU mil-assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta, għaż-żamma ta' ħaxix selvaġġ fil-passaġġi rurali, u nfurmat li ħadd mil-membri preżenti bagħat *feedback.* Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-imejl li kienet ntbagħtet lil membri tal-Kunsill.
Il-membri preżenti unanimament qablu biex ma jkunx iffirmat il-ftehim, u nippruvaw li ma jinqatax il-ħaxix.

**52.3.13 Coaches Turisti**
Il-membri preżenti qablu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss, meta l-Kunsillier Cassar jkun preżenti għal-laqgħa.

**52.3.14 Invoices LC CARE**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għadhom kemm daħlu *invoices* (2021 – 2022) tal-LC CARE li jammontaw għal €799.39, fejn tat-rendikont ta' x'kienu l-ħlasijiet, bħal *neutering,* mediċini eċċ.

**52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**52.4.1 Edukazzjoni u Ambjent**

Il-Kunsilliera Abela nfurmat li qed taħdem mal-Kunsillier Borg dwar proġetti fejn jidħlu ambjent u edukazzjoni, u nfurmat li ser tagħti *update* fil-laqgħa li jmiss meta l-Kunsillier Borg jkun preżenti wkoll.

**52.4.2 Trasport Pubbliku - Bidnija**

Il-Kunsillier Zerafa talab jekk nistgħux nitkellmu ma Transport Malta (TM), għax tal-linja bin-numru 103 tneħħiet mir-rotta tal-Bidnija, minħabba t-tabelli ta' tunnellaġġ li twaħħlu fuq il-pont. Is-Sindku nforma li tkellem ma tat-Trasport Pubbliku (TP) fejn intalab jibgħat imejl, u ħa jibgħat wkoll imejl lil-Ministru apparti lit-TP.

**52.4.3 Siġar – Triq Valletta**

Il-Kunsillier Zerafa talab biex jinżabru siġar li hemm fi triq Valletta, għax qed jkopru t-*traffic lights.*

**52.4.4 Loading/Unloading Bay triq il-Kostituzzjoni.**

Il-Kunsillier Zerafa talab jekk hux possibbli li jitranġaw il-ħinijiet tal-*loading/unloading bay* ta' triq il-Kostituzzjoni. Is-Sindku nforma biex il-Kunsillier Zerafa jibgħat imejl, ħa tiġi diskussa waqt *Traffic Management Committee.*

**52.4.5 One Way triq il-Ħarifa**

Il-Kunsillier Zerafa talab jekk hux possibbli li tinbidel il *one-way* ta' triq il-Ħarifa, biex tkun bil-kontra min kif inhi bħalissa. Is-Sindku nforma biex il-Kunsillier Zerafa jibgħat imejl, ħa tiġi diskussa waqt *Traffic Management Committee.*

**52.4.6 Ħarġiet tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa kulturali li jmiss ħa tkun fl-20 t'Ottubru, żjara fil-mużew tal-Katidral ta' l-Mdina. Il-ħarġa ta' wara ħa tkun fis-17 ta' Novembru li ser tkun żjara fl-Akwarjum Nazzjonali, Buġibba, u Diċembru qed jkun pjanat li jsir festin għal-anzjani.

**52.4.7 Bus Stops/ Bus Shelters**

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk il-*bus shelters* humiex f'idejn il-Kunsill, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li m'humiex. Is-Sindku nforma li llum kellu laqgħa fuq ir-rotot kif ser ikunu jekk jiġi approvat il-pjan biex id-dħul lejn il-Mosta jibqa' b'mod permanenti lejn il-Bażilika, u fuq il-*bus stops/shelters,* fakkar li hemm kuntratt mal-kumpanija FACES.

Il-Kunsillier Deguara nforma li kellu talbiet min-residenti biex jkun hemm *bus stops/shelters* f'Santa Margerita fil-pjazzetta, fejn naħa tal-pjazzetta hemm, imma man-naħa l-oħra ma hemmx. Kif wkoll fejn il-Miracle Foods triq Nikol Muscat u triq id-Dura.

**52.4.8 Kamra għal-għaqda tal-Ħamiem**

Il-Kunsillier Deguara staqsa kif bqajna dwar il-kamra li talbu l-għaqda tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li f'waħda mil-laqgħat preċedenti l-membri tal-Kunsill kienu nfurmati li din il-kamra ma tistax tingħata wkoll b'self lil-xi għaqda, apparti li l-Kunsill in-naqra post li għandu, hemm bżonnu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat wkoll, li diġà ma hemmx post fejn jinżammu l-qtates għal *recovery* min *neutering,* fejn l-Animal Steward ila żmien twil iżżommhom f'dara.

**52.4.9 Jum Il-Qalbiena Mostin**
Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Camilleri ippropona żewġ dati għal Jum il-Qalbiena Mostin, is-6 jew l-20 ta' Novembru, u ġie deċiż li Jum il-Qalbiena Mostin issir fl-20 ta' Novembru.

**52.4.10 Laqgħa Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-membri preżenti biex tkun maqbula data biex issir il-laqgħa pubblika li jmiss, li trid issir sa mhux aktar tard mil-15 ta' Diċembru.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu biex il-laqgħa pubblika ssir nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru.

**52.5 Rapporti**
**52.5.1 Update - Development Funds as at 27.9.2022**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**52.5.2 Festa Qargħasel**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li bħala spejjez għal-avveniment Festa Qargħasel in-nefqa kienet ta' €8,507 inkluż VAT. Il-Kunsillier Zerafa ssuġerixxa biex għas-sena d-dieħla naħdmu fuq aktar reklamar.

Il-Kunsillier Camilleri irringrazzja lis-staff mod speċjalment lis-Sa. Lorraine Zammit Tabone, minħabba problemi ta' loġistika mod speċjalment fejn kellna bżonn il-permess min Transport Malta (TM), għax ġew b'ħafna domandi u l-approvazzjoni tawilna biss tlett ijiem qabel. Għas-sena d-dieħla ippropona li jkun hemm *shuttle bus,* u nforma li ser jaħtar sotto kumitat, biex jgħin fl-organizzazzjoni.

**52.5.3 Update- Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew biex mil-Jobsplus biex jibgħatu l-lista ta' kandidati prospettivi *part* 1.

**52.5.4 Mosta Bridge Lighting - Under**
Is-Sindku nforma li l-Inġiniera Galea Curmi kienu għamlu stima globali għad dawl tal-pont, u ntalbu biex jisseparaw l-istima tad-dawl bejn taħt u fuq il-pont. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li din l-istima nkluż id-disinji ntbagħtu lil-Kunsilliera fil-5 ta' Lulju 2022.
Is-Sindku nforma li l-Istima ta' dawl għal taħt il-pont hija ta' €53,880.00 eskluż VAT, u ssuġġerixxa li napplikaw mal-LESA. Il-membri preżenti unanimament qablu li għal dan il-proġett napplikaw għal-fondi Proġetti fil-Kommunitajiet LESA, jekk dejjem jistgħu jiddaħħlu skond il-kundizzjonijiet.

**52.5.5 Mosta Bridge Lighting - Above**
Is-Sindku nforma li l-Inġiniera Galea Curmi kienu għamlu stima globali għad dawl tal-pont, u ntalbu biex jisseparaw l-istima tad-dawl bejn taħt u fuq il-pont. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li din l-istima nkluż id-disinji ntbagħtu lil-Kunsilliera fil-5 ta' Lulju 2022.

Is-Sindku nforma li l-Istima ta' dawl għal taħt il-pont hija ta' €38,270.00 eskluż VAT, u ssuġġerixxa li napplikaw mal-LESA. Il-membri preżenti unanimament qablu li għal dan il-proġett napplikaw għal-fondi Proġetti fil-Kommunitajiet LESA, jekk dejjem jistgħu jiddaħħlu skond il-kundizzjonijiet.

**52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li l-prezzijiet tal-Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq ippublikati fl-2001, għandhom jkunu riveduti hekk kif inhu ġej:

| Qisien | Dritt Dovut | |
|---|---|---|
| | Xahar | Sena |
| Sa 0.1 metru kwadru | €20 | €200 |
| Sa 1.0 metru kwadru | €50 | €500 |
| Sa 2.0 metru kwadru | €100 | €1,000 |

Il-membri preżenti approvaw ir-rati l-ġodda, u s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tieħu ħsieb l-pubblikazzjoni u approvazzjoni mid-DLG.

**52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**52.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 132.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 1 ta' Settembru 2022 sal-4 ta' Ottubru 2022.

**52.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**52.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**52.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Awwissu 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**52.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa intemmet fid 9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 8 ta' Novembru 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 4 ta' Ottubru 2022.

IFFIRMATI
Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv